MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 341/2009

Carmen mart il-mejjet George **DEMANUELE**, Carmen mart Saviour Micallef, Mark Demanuele, Chantelle Demanuele u Sacha Demanuele

vs

Carmelo *sive* Charles **ELLUL SULLIVAN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta'April, 2009, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbu li l-Qorti terga' taghmel ezekuttiva sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet "George Demanuele vs Professur Ian Refalo bhala mandatarju tal-assenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi u b'nota tal-21 ta' Awissu, 1991, il-konvenut Carmelo sive Charles Ellul Sullivan, billi jinsab Malta, assuma l-atti tal-

kawza minflok il-mandatarju tieghu Professur Ian Refalo" (Rik. Nru 784/91) u dan billi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret ezekuttiva;

Rat id-degriet taghha tas-17 ta' Gunju, 2009, li bih u fuq talba maghmula b'rikors tar-rikorrenti fit-12 ta' Gunju, 2009 gabet din il-kawza ghas-smigh quddiemha ghall-finijiet tal-art 793(1) tal-Kap 12;

Rat it-Twegiba mressqa mill-intimati fil-15 ta' Gunju, 2009, li biha laqghu ghat-talba tar-rikorrenti billi qalu li l-awtur tar-rikorrenti kien thallas ghas-saldu u billi eccepew il-konnessjoni tal-kawzi;

Rat li r-rikorrenti kkonfermaw bil-gurament il-kontenut tar-rikors u ddikjaraw li ma thallsu xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Rat li ghall-istess ragunijiet imsemmijin fil-provvediment moghti llum fl-atti tar-Rikors Numru 340/09, l-intimati ma tawx raguni tajba ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa' t-talbiet ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------